**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

**Talba numru 365/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 43**

**Perit Matthew Casha (100989M)**
**C/o Create It Architecture,**
**Buska Buildings, Level 2,**
**Vjal il-21 ta' Settembru,**
**Naxxar**

**vs**

**Ronni Hartvig (57657A) u Nadine Hartvig (437678M)**
**T8, Preti Court, B10,**
**Triq Tigne,**
**Sliema**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-06 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu l-attur talab minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma ta' elf u tnejn u

tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,082.97) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi professjonali rezi mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrsponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u tnejn u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,082.97c) bl-imghaxijiet legali mid-data tas-27 ta' Lulju, 2016 tal-ittra ufficjali numru 1914/16 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tal-konvenuti .

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**